**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Anthony Cauchi**

Numru: 8/2017

Illum 23 ta' Marzu 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Cauchi,** ta' tnejn u sebghin (72) sena, iben Manweli u Mary nee' Formosa, imwieled Gharb, Ghawdex, fit-28 ta' Lulju 1945, residenti fil-fond Sunset, Triq Karmni Grima, Gharb, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-identita' numru 66645G, akkuzat talli nhar it-18 ta' Frar 2017 u kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel gewwa l-kumpless tal-kamra tan-nar bl-isem 'Madonna tal-Virtu', limiti ta' Gharb, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer

b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Dahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm ghall-bejgh jew hazen porvli jew esplozivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulzija;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra d-dispozizzjoni tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, garr minn post ghall-iehor porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel jew xjentament zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva, taht cirkustanzi illi jghattu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, zammha jew kienet ghall-hsieb mhux lecitu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 minghajr ma kellu l-licenzja mehtiega;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissospendi kull licenzja tan-nar tal-imputat fil-kors ta' dawn il-proceduri u dan skont l-Artikolu 26B tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-licenzja jew licenzji tan-nar mahrugin skont din l-Ordinanza dwar l-Esplozivi u kif ukoll il-Qorti ghandha b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza ghandha tapplika l-Artikolu 45A(1)(a) jew 45A(1)(b) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta kif inhu l-kaz;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tordna sospensjoni ta' kull licenzija taht il-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li din l-Onorabli Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 215 u 216) datata 30 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha baghat lill-imputat Anthony Cauchi biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 3(1) u 27 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 9(1), 28, u 29(1) tal-Kapitolu tal-Ligijiet 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 30 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-Artikolu 18, 313 u 314 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-Artikolu 26B tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) fl-Artikoli 26C, 40A u 45A(1)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) fl-Artikolu 40(1)(2)(3) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(9) fl-Artikoli 32 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

(10) fl-Artikolu 40B tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(11) fl-Artikoli 17, 30 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 217), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Ottubru 2017, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 il-Qorti tat il-fakulta' lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-29 ta' Jannar 2018;

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-9 ta' Frar 2018.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Mill-provi ta' dan il-kaz jirrizulta li waqt spezzjoni li saret nhar it-18 ta' Frar 2017 minn skwadra ta' kontra drogi f'kamra tan-nar li tghajjat lill-imputat Anthony Cauchi gie misjub ammont ta' materjal splussiz mizmum illegalment.

Wara li saret tfittxija minn membri ta' Explosive Ordinance Disposal (EOD) li ssejhu fuq il-post, instabu ammont ta' *bullets, detonators, air rifle u death cords* kif gej:

31 x *plain detonators*
1 x *electric detonator*
5 x tulijiet differenti ta' *detonating cord* ta' qisien differenti.

Peress li dawn l-isplussivi elenkati mhumiex permissibli li jinzammu gewwa fabbrika tax-xoghlijiet tan-nar kienu ssigillati u mehuda l-Fortizza tal-Mosta fejn topera t-taqsima EOD tal-Armata.

Fil-kamra tan-nar bil-isem 'Madonna tal-Virtu', limiti tal-Gharb f'Ghawdex, kien evidenti li jinhadem u jinhazen il-loghob tan-nar li kien diga mahdum. L-imputat kellu l-licenzji kollha mehtiega sabiex jaghmel dan. Fost l-isplussivi, il-prekursuri, accessorji u ghodod ohra li nstabu ma kien hemm l-ebda splussiv illegali. Dawn l-affarijiet huma kollha relatati mal-manifattura tal-piroteknika.

L-imputat ma' kellux permess li jzomm ghandu l-materjal: *bullets, detonators, air rifle u death cords* li gie elevat mill-pulizija u mill-esperti tal-Qorti. L-espert tal-Qorti s-Surgent Patrick Vella, spjega kif iz-zamma ta' *detonators* u *death cords* hija illegali u ma jinghata ebda permess lill-ebda persuna sabiex tahzen dawn. L-imputat lanqas kellu l-permessi mehtiega sabiex izomm *air rifle* u bullets fil-kamra tan-nar inkwistjoni.

F'wahda mill-kmamar instab ammont sostanzjali ta' flus kontanti. L-ammont elevat kien jghodd ghall-tlieta u sittin elf u disa' mitt ewro (€63,900). L-imputat spjega li dawn il-flus kien izommhom hemm minhabba kwistjoni li kellu d-dar.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn li tqajmu fin-noti ta' sottomissjonijiet.

1. **Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is*

*proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kunfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

2. <u>**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**</u>

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

## 3. <u>Xjentament "*knowingly*"</u>

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[1] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabbilita x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the*

[1] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[2]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately*

[2] Ibid. pg 449

*shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

4. **Tista' "may"**

Il-Qorti se tara jekk l-argument tad-difiza li meta l-ligijiet taghna jghidu **tista'** (*may* fit-test Ingliz) jfissirx li l-Qrati huma liberi li jiddeciedu skont kif iqisu huma jekk japplikawx xi provediment jew le.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Awissu 2011 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Duranovic Coreschi**[3] deciza mill-Imhallef David Scicluna fejn tratta dan il-punt.

**10.** Dwar it-tifsira tal-kelma "tista'", din il-Qorti diversament presjeduta, b'referenza ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152 tal-

[3] App. Nru. 549/2010 DS

Ligijiet ta' Malta – liema Kap. gie sostitwit bil-Kap. 446, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** moghtija fis-16 ta' Gunju 1999 kienet qalet:

> **"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-<u>setgha</u> li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun <u>ghandha</u> tittratta ma' dik il-persuna."**

**11.** U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Callus** moghtija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2001, intqal:

**"L-abbli difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-*conditional discharge* peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152 juza l-espressjoni '... <u>tista'</u> tittratta ma' dik il-persuna ...', u ghalhekk, skond hu, il-kelma 'tista'' (*may* fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista' ghalhekk anke ma tittrattax mieghu ghall-ksur tal-*conditional discharge* jew tal-*probation order* skond il-kaz. L-appellat m'ghandux ragun f'dan ir-rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet *il-Pulizija v. Andrew Buhagiar* l-uzu tal-kelma 'tista'' ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma 'tista'' fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha <u>s-setgha</u> li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti."**

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. **<u>Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament</u>**

**m'ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le.**[4] Skont id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliz *"could"*) tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skont dik tal-artikolu 23(1)(b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet (fit-test Ingliz *"could"*) tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perjodu ta' *probation*, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht *probation*. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu tmintax (18)-il xhud:

*PS1163 Francis Schembri (a* fol. *41 et seq.), PS1086 Johan Micallef (a* fol. *43), Staff Sergeant 86230 George Borg (a* fol. *44 et seq.), Lance Bombardier 87141*

[4] Enfasi ta' din il-Qorti

*Antoine Zahra (a* fol. *47 et seq.), Max Xuereb (a* fol. *56), PS676 Edelon Spiteri (a* fol. *58 et seq.), PS698 Shaun Tabone (a* fol. *62), WPC193 Diane Cilia (a* fol. *66 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *77 et seq.), Brigadier Maurice Calleja u PS404 Paul Camilleri (a* fol. *121 et seq.), Surgent Patrick Vella (a* fol. *130 et seq.), Perit Guido Vella (a* fol. *170), PC1427 Oliver Micallef (a* fol. *181 et seq.), PC116 Alan Attard (a* fol. *183 et seq.), Dr. Renata Formosa (a* fol. *195), ), WPC193 Diane Cilia (a* fol. *196 et seq.), Surgent Patrick Vella (a* fol. *209 et seq.), u Michael Godfrey Curmi (a* fol. *211 et seq.).*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

L-imputat jinsab akkuzat bi ksur ta' diversi disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali.

Mhux kontestat li l-materjal li instab jaqa' fid-definizzjoni ta' *"sustanza esploziva"* kif definita fl-Artikolu 314 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk: *"Ghall-finijiet tal-ahhar tliet artikoli qabel dan* – u ghalhekk anke ghall-finijiet tal-Artikolu 313 – *"il-kelmiet "sustanza esplosiva" ifissru ukoll kull haga li biha tista' ssir sustanza esploziva; kif ukoll kull apparat, makna, ghodda, inkella materjal uzat, jew qieghed biex jigi wzat, jew tajjeb biex jikkaguna jew biex ighin l-esplozjoni ta' sustanza esploziva, inkella esplozjoni b'dik is-sustanza; kif ukoll kull parti ta' dan l-apparat, makna jew ghodda."*

Lanqas huwa kontestat li l-materjal li nstab ghand l-imputat jaqa' fid-definizzjoni tal-kelma *"esplozivi"* li skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 33 tfisser: *"porvli tal-isparar, nitroglicerina, dynamite, gun-cotton, porvli ghal*

*mini, fulminate tal-merkurju jew ta' metalli ohra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju, u kull sustanza ohra, sew bhal dawk hawn imsemija jew xort'ohra, uzata jew mahduma sabiex tipproduci rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali tac-cpar, xoghlijiet tan-nar, micec, murtali tal-ftuh, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skratec, munizzjon ta' kull xorta, u kull adattament jew preparazzjoni ta' esplosiv kif imfisser hawn fuq."*

U **l-Artikolu 3(1) u 3(2) tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

*3. (1) Ħadd ma jista' jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, inkella jiftaħ jew iżomm fabbriki tal-porvli jew ta' xogħlijiet tan-nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplożivi oħra, mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenza ma tiġix mogħtija kemm-il darba ma jittiħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tal-ħajja u tal-proprjetà.*

*(2) Ħadd ma jista' jaħdem porvli tal-isparar jew jipprepara dak ix-xogħol ħlief f'fabbrika tal-porvli li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza, u ħadd ma jista' jaħdem xogħlijiet tan-nar jew porvli esplożiv, jew esplożivi oħra, ħlief f'fabbrika tax-xogħolijiet tan-nar, jew f'fabbrika oħra għax-xogħol ta' porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza.*

L**-Artikolu 4 tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

*4. Sabiex tista' tinfetaħ fabbrika tal-porvli jew fabbrika oħra ta' din ix-xorta, hemm bżonn li jittieħdu, għas-sodisfazzjontal-Kummissarju tal-Pulizija l-prekawzjonijiet hawn taht imsemmijin:*

*(a) illi l-fabbrika għandha tkun imbegħda għall-anqas mija u tlieta u tmenin metru minn -*

*(i) kull post abitat;*

*(ii) kull triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur; jew*

*(iii) kull triq oħra li sa mija u tlieta u tmenin metru minnha ma jkunx rikkmandabbli, fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, wara li jikkonsulta lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tinfetaħ fabbrika bħal dik:*

*Iżda d-distanza ta' mija u tlieta u tmenin metru msemmija f'dan il-paragrafu għandha titkejjel miċ-ċentru tal-maħżen għad-depożitu;*

*(b) illi l-fabbrika tkun imdawra b'ħitan jew irpari oħra sħaħ għolja mhux inqas minn erba' metri, u illi jkollha kalamita tajba għas-sajjetti;*

*(ċ) illi fil-fabbrika jkun hemm maħżen għad-depożt ta' porvli jew esplożivi oħra, imbiegħed biżżejjed mill-bini tal-fabbrika;*

*(d) illi jkun bini separat minn bini ieħor u mbiegħed kif imiss wieħed mill-ieħor għal kull xorta ta' xogħol;*

*(e) illi ma jsirx xogħol bil-lejl jew b'dawl artifiċjali, jew waqt maltempata bis-sajjetti jew meta t-temp jagħtik taħseb li dalwaqt ġejja maltempata bis-sajjetti;*

*(f) illi l-porvli tal-isparar jew esplożivi oħra li jinħadmu, jinġarru fil-maħżen tad-depożt fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.*

L-**Artikolu 9(1) tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

*9. (1) Ħadd ma jista' jżomm għal bejgħ jew jaħżen porvli tal-isparar jew esplożivi mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

L-**Artikolu 29(1) tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

*29. (1) Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, jaħdem, ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.*

L-**Artikolu 30 tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

*30. Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iġorr minn post għall-ieħor porvli tal-isparar jew esplożivi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sena jew multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000) u mhux izjed minn għoxrin elf euro (€20,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.*

*31. Kull min jikser ir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 22 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 30 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ġarr ta' porvli jew ta' esplożivi, jew il-piena msemmija fl-artikolu 29 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ħwejjeġ l-oħra msemmijin fl-artikolu 22.*

Illi f'kaz ta' htija dwar il-piena japplika **l-Artikolu 27 tal-Kap 33** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

> *"Kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sentejn u ħames snin jew multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn ħamsa w għoxrin elf euro (€25,000) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien".*

U **l-Artikolu 28 tal-Kap 33** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi**:-**

> *"L-istess piena jeħel kull min xjentement iħalli li fond, illi tiegħu jkun id-detentur jew ikollu l-ħsieb jew il-kustodja, jiġi wżat sabiex jinżammu jew jinħadmu fih porvli tal-isparar, esplożivi jew xogħlijiet tan-nar kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza".*

L-imputat qieghed jikkontesta l-ewwel imputazzjoni li hija bbażata fuq l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 33 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra kif ġej:

"Ħadd ma jista' jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, **inkella jiftaħ jew iżomm fabbriki tal-porvli jew ta' xogħlijiet tan-nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplożivi oħra, mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija."** Enfazi tal-Qorti.

Id-difiza argumentat li f'dan il-kaz, ma nġabet lanqas l-iċken prova li kien l-imputat li importa f'Malta l-esploživ li nstab għandu izda konvenjentement ma jissemma' xejn fuq il-parti l-ohra tal-akkuza li kellu **esplozivi ohra** minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija kif irrizulta.

Il-Qorti taqbel mad-difiza li Anthony Cauchi jista' jingħad li ġie fil-pussess ta' dan l-esplożiv wara li dan kien iddaħħal f'Malta.

Din il-Qorti tosserva illi l-imputat ma kienx l-unika persuna li kellha access ghall-post inkwistjoni ghalkemm hu kien responsabbli ghalih – kien hemm persuni oħra. Investigazzjonijiet dwar persuni oħra li seta' kellhom access ma sarux.

F'dar-rigward din il-Qorti tirreferi għall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro** deċiż fis-27 ta' April 2006 li si trattava ta' pussess aggravat tad-droga kokaina, fejn intqal:

> *"Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjata registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn*

*uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tax-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija."*

Id-*detonators* u d-*detonating cord* misjuba waqt it-tfittxija nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2017 gewwa l-mahzen li jinsab fil-konfini tal-fabbrika tax-xoghlijiet tan-nar Madonna tal-Virtu' li tinsab fil-limi tal-Blajjet gewwa l-Gharb, Ghawdex huma projbiti li jintuzaw fil-manifattura tax-xoghol tan-nar.

Dan jinsab stipulat taht Regolament 8(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 33.03 li jghid: *"Hadd ma jista' jimmanifattura, jahzen, igorr jew jahraq xi xoghol tan-nar li jkun fih xi wiehed minn dawn is-sustanzi li gejjin: gelatine tan-nitroglicerina, TNT jew esplosivi ohra qawwija bhal dawn"* u Regolament 9 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja li jghid hekk: *"Ghandu jkun projbit l-uzu ta' accessorji ta' detonazzjoni, bhalma huma kapsijiet sew elettrici sew xort'ohra, u nicca ta' detonazzjoni fil-manifattura ta' xi xoghlijiet tan-nar."*

**L-EBDA QADDIS MA JBIEREK L-ILLEGALITA' F'GIEH ISMU**

Il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet id-Djoċesi ta' Għawdex fl-10 ta' Mejju 2012 permezz Kulleġġ tal-Kappillani fin-**Nota Pastorali dwar il-loghob tan-nar fil-festi.**

> "*4. Biex inħarsu aktar is-saħħa fiżika u s-sigurtà ta' kull min għandu x'jaqsam mal-logħob tan-nar, hu neċessarju li:*
>
> *4.1. ikun hemm iżjed ħarsien tal-miżuri ta' sigurtà kemm waqt il-produzzjoni u kemm waqt il-ħruq tan-nar; għalhekk neżortaw li jkun hemm mhux biss ħarsien tal-liġi imma wkoll xi forma ta' awtoregolamentazzjoni li tgħolli l-livell tas-sigurtà;*
>
> *4.2. ikun hemm iżjed kontroll biex il-logħob tan-nar jew materjal esplussiv ma jinħażinx bla permess tal-Liġi;*
>
> *4.3. persuni li m'għandhomx liċenzja biex jaħarqu n-nar ma jitħallewx ikunu preżenti la fil-kmamar tan-nar u lanqas fil-postijiet fejn jinħaraq in-nar; b'mod assolut għall-ebda raġuni persuni taħt l-età ma għandhom jitħallew jersqu lejn in-nar;*
>
> *4.4. jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji ta' sigurtà mhux biss għall-persuni involuti waqt il-ħruq tan-nar imma wkoll għal terzi persuni, waqt il-manifattura, ġarr u ħruq tal-logħob tan-nar;*

*4.5. ikun hemm iżjed infurzar tar-regolamenti u kontrolli anki għall-għarrieda mill-awtoritajiet konċernati."*

Il-Qorti thoss li ghandha terga' tfakkar f'dawn id-direttivi biex hadd ma jabbuza, jikser il-ligijiet tal-pajjiz u dan f'isem xi qaddis jew iehor.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-LOGHOB TAN-NAR**

Il-Qorti tiehu l-opportunita' biex theggeg lill-Awtoritajiet biex jaraw li b'regolamenti u postijiet adattati x-xoghol tal-loghob tan-nar isir f'postijiet awtorizzati u sikuri biex ma jkunx hemm min minhabba t-tradizzjoni jirrikorri biex jahdem in-nar b'mod klandestin.

Id-decizjonijiet dwar fejn ghandu jinhadem il-loghob tan-nar ghandhom jittiehdu fi zmien ragonevoli u mhux jittiehdu s-snin biex tittiehed decizjoni biex ma jintrifes il-kallu ta' hadd.

Ghalkemm qatt m'hu gustifikat jista' jkollok sitwazzjonijiet fejn minhabba dan id-dewmien ikollok min jirrikorri biex jimmanifattura l-loghob tan-nar f'post klandestin jew wara tant snin il-post fejn ikun jahdem ikun dikjarat li ma kienx qieghed jopera skont il-ligijiet ta' pajjizna.

Ghandu jinholoq bilanc bejn l-interessi varji f'dan is-settur dejjem f'mohh ir-regolatur ghandu jkun hemm is-sigurta' kemm ta' min jahdem il-loghob tan-nar kif ukoll ta' ohrajn qrib l-istess postijiet kif ukoll it-tradizzjoni li ilha fostna snin twal hafna tant li nuzaw l-istess l-oghob

tan-nar f'festivals organizzati apposta biex ikunu attrazzjonijiet ghat-turisti li jigu fostna.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Din il-Qorti tqis li r-reati kommessi mill-imputat huma serjissimi, ghaliex persuna bhalu mustaccun fil-mestier kien jaf li dawn l-oggetti misjuba ma kinux permessibbli fil-fabbrika tan-nar.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[5]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, *a priori*, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[5] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu;  jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond iċ-ċirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Rigwardanti l-piena, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena għandha, apparti li tirrifletti s-serjeta' tar-reati, isservi mhux biss ta' deterrent għall-imputat biex ma jerġax jikkommetti reati simili, kif ukoll ta' deterrent għal dawk kollha dilettanti tal-logħob tan-nar sabiex ma jintraprendux f'dawn ir-reati jew reati simili, li jistgħu jkunu ta' daqstant periklu mhux biss għalihom innifishom, izda wkoll għal terzi innoċenti u jikkawzaw vittmi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti tħoss li l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tkun dik ta' sentenza ta' priġunerija sospiza għal numru ta' snin u multa.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-4 ta' Marzu 2016, **Il-Pulizija vs George Attard et.**[6] fejn intqal li:

> "*Il-minimu tal-piena għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni hija multa ta' €5,000 għal kull imputazzjoni*[7]*, dik tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni hija multa €15,000 għal kull imputazzjoni b'dan li t-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni huma assorbiti fis-sitt*

[6] Appell Kriminali 394/2015G deciz mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri.
[7] Art 27 tal-Kap 33

*imputazzjoni[8], u ghas-seba' imputazzjoni l-minimu tal-piena hi €2,000[9]. Dan iwassal sabiex il-multa minima komplessiva ghal kull imputat, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) ... ma tistax tkun anqas minn €18,500."*

Il-Qorti rat dak li jipprovdi artikolu 17(f) tal-Kap 9 fejn "*persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-kaz; b'zieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra*".

Fir-rigward l-artikoli 45(A)(1)(a) u 45A(1)(b) tal-Kap 33 jingħad illi meta tkun ġiet użata xi proprjetà immobbli għall-manifattura, bejgħ, wiri għall-bejgħ, jew ħażna ta' esplożivi kif imfisser fl-att tal-akkuża jew fl-akkuza, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull titolu fuq il-proprjetà li l-persuna li tinsab ħatja jkollha fuq dik il-proprjetà immobbli; u l-artiklu 45A(1)(b) jipprovdi illi meta l-persuna li tinsab ħatja ma tkunx is-sid assolut iżda jkollha titolu ieħor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollha titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjetà, li bis-saħħa tiegħu jkollha l-kontroll fuq, jew dritt ta' aċċess għal, dik il-proprjetà, il-qorti għandha tordna li l-persuna li tinsab ħatja tħallas multa ta' mhux anqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) kif tistabbilixxi l-qorti wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-proprjetà.

Il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova ta' kwalsiasi titolu li l-imputat jista' għandu fuq l-art jew il-proprjeta' in kwistjoni. L-uniku xhud li

[8] Art 29 tal-Kap 33
[9] Art 30 tal-Kap 33

ressqet il-prosekuzzjoni kien Michael Godfrey Curmi fejn fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2017 xehed illi "il-kamra tan-nar ma hijiex reġistrata".

Għalhekk peress li ma ġie ppruvat l-ebda titolu li l-imputat jista' għandu ma tistax tiġi ordnata l-konfiska izda l-Qorti se tapplika dak li jipprovdi l-artiklu 45A(1)(b) u tapplika l-multa li tipprovdi ghaliha l-ligi.

Rigward l-imputazzjoni sa fejn din tikkonċerna "pussess" jew żamma "taħt il-kontroll tiegħu" ta' "arma tan-nar", u munizzjoni izda mhux tal-garr taghha, se tinstab htija.

Il-piena applikabbli għal pussess ta' armi li jaqgħu taħt it-Tieni Skeda tal-Kap. 480 moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u 51(2) ta' dak il-Kap. hija dik ta' priġunerija bejn tliet xhur u ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn €698.81, mingħajr ma jinsab speċifikat massimu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Art 3(1), 9(1), 26C, 27, 28, 29(1), 30, 40(1)(2)(3), 40A, 40B, 45A(1)(a)(b)(d) tal-Kap 33 u artikolu 17(f), 313,314, 533 tal-Kap 9 u artikoli 5(1), 51(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax (18)-il xahar habs izda bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal tliet (3) snin mil-lum u multa komplessiva ta' tletin elf Euro (€30,000).

Din il-Qorti wara li rat Artikolu 28B tal-Kap 9 twissi lill-imputat illi, bħalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius**[10] mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

*In oltre*, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez ta' elfejn, erba' mija u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2450.37)[11] li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas l-ammont dovut jigi konvertit fi prigunerija.

*Inoltre*, tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess tieghu mahruga taht ir-regolamenti 79/2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal-perjodu ta' sentejn mil-lum.

---

[10] Deciza mill-Prim Imhallef Vincent DeGeatano

[11] € 462.25 – Max Xuereb; € 197.82 – Dr. Renata Formosa; € 245.90 – Brigadier Maurice Calleja; € 721.70 – Surgent 86600 Patrick Vella u € 822.70 – Perit Guido Vella

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-isplussiv maqbud u l-oggetti kollha esebiti f'dawn l-atti hlief il-flus li ma jirrizultax lill-prosekuzzjoni li gew minn xi attivita' kriminali izda li nghatat spjegazzjoni accettabbli mill-imputat ghaliex kien qieghed izommhom fil-post fejn instabu.

Il-Qorti qeghda tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jezercita' l-poter li ghandu u dan skont Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tal-loghob tan-nar tal-hati.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**